



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 100/11
il-Lussemburgu, 26 ta' Settembru 2011

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Ġurament solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' żewġ Membri ġodda tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Udjenza solenni tas-26 ta' Settembru 2011

Wara r-riżenja ta' Hubert WEBER mill-kariga tiegħu ta' Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, b'deċiżjoni tal-21 ta' Marzu 2011, konformement mat Trattati u wara li kkonsulta mal-Parlament Ewropew, iddeċieda li jinnomina lil Harald WÖGERBAUER bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri għall-perijodu mill-1 ta' April 2011 sal-31 ta' Diċembru 2013.

Wara r-riżenja ta' Lars HEIKENSTEN mill-kariga tiegħu ta' Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, b'deċiżjoni tal-10 ta' Ġunju 2011, konformement mat Trattati u wara li kkonsulta mal-Parlament Ewropew, iddeċieda li jinnomina lil H.G. WESSBERG bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri għat-tul tal-kumplement tal-mandat ta' L. HEIKENSTEN, jiġifieri sat-28 ta' Frar 2012.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żammet illum, fl-12:00, udjenza solenni li matulha l-Membri l-ġodda tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri ħadu ġurament solenni skont it-Trattati.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](http://Europe.by.Satellite)" ☎ (+32) 2 2964106